MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 263/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
**vs**

1. **Silvan u Nathalie mizzewgin Naudi (K.I. numri 382855(M) u 1758(M))**
2. **Lily Properties Limited (C21125)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-bank rikorrenti fis-17 ta' Marzu, 2008, li *in forza* taghha, wara li espona :

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Pierre Falzon datat 16 ta' Marzu 2005 (Dok A) l-intimati iddikjaraw ruhhom veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija u erba u ghoxrin elf u disa u tletin euro u tlettax il-centezmu (€124,039.13) – ekwivalenti ghal tlieta u hamsin elf, mitejn u hamsin lira

Maltin (LM 53,250.00) – flimkien ma l-imghax mis-16 ta' Marzu 2005 u l-ispejjez relattivi;

Illi ghaddew aktar minn tlett snin (3) minn meta l-kuntratt fuq imsemmi setgha jigi ezegwit u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu isir dan ir-rikors;

Illi illum id-debitu ta' l-intimati jammonta ghal mija u erba' u hamsin elf, tlett mija u disgha u erbghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€154,349.48) – ekwivalenti ghal sitta u sittin elf, mitejn u tnejn u sittin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM 66,262.23) – flimkien ma l-imghaxijiet ulterjuri mill-14 ta' Frar 2008 u l-ispejjez relattivi;

Din l-interpellanza qed issir minghajr pregudizzju ghal somom ohra ta' flus dovuti mill-intimati lis-socjeta' rikorrenti li ghalihom ir-rikorrenti qed tipprocedi f'gudizzju separat;

Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti titlob umilment illi din il-Qorti jogghobha tawtorizzaha tezegwixxi il-kuntratt datat 16 ta' Marzu 2005 in atti Nutar Dottor Pierre Falzon (Dok A) fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta' mija u erbgha u ghoxrin elf u disa u tletin euro u tlettax il-centezmu (€124,039.13) – ekwivalenti ghal tlieta u hamsin elf, mitejn u hamsin liri Maltin (LM53,250.00) – flimkien ma l-imghax mis-16 ta' Marzu 2005 u l-ispejjez relattivi kontra l-istess intimati.

Rat li l-intimati debitament notifikati ma ipprezentawx risposta u lanqas dehru ghar-rikors;

Rat li r-rapprezentant tal-bank rikorrenti kkonfermat bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li l-Bank rikorrenti ma thallas xejn fil-mori ta' dawn il-proceduri;

Rat l-atti kollha;

Illi ghalhekk it-talba tal-bank rikorrenti tirrizulta gustifikata u ghalhekk tilqa' t-talbiet tal-istess bank rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------